

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq li l-KPMO/il-Kummissjoni wettqu żball manifest ta' evalwazzjoni meta evalwaw u ċaħdu l-provi ppreżentati mir-rikorrenti dwar id-disponibbiltà mhux suffiċjenti tat-trientine.

---

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU 2004 L 136, p. 1).

### Rikors ippreżentat fit-30 ta' Ottubru 2017 – Lincoln Global vs EUIPO (FLEXCUT)

(Kawża T-736/17)

(2018/C 013/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Lincoln Global, Inc. (Santa Fe Springs, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: K. Piepenbrink, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

#### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenjuža kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "FLEXCUT" – Applikazzjoni għal regiestrazzjoni Nru 15 111 198

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Awwissu 2017 fil-Każ R 2225/2016-4

#### Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

#### Motiv invokat

- Ksur tal-Artikoli 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009

---

### Rikors ippreżentat fit-30 ta' Ottubru 2017 – Trasys International u Axianseu Digital Solutions vs EASA

(Kawża T-741/17)

(2018/C 013/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: Trasys International GEIE (Brussel, il-Belġju) u Axianseu Digital Solutions SA (Lisbona, il-Portugal) (rappreżentanti: L. Masson et G. Tilman, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjażżjoni (EASA)